# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors numru 247/14/1 AGV**

**Joseph Vella**

**v.**

**Lorraine Vella Calleja**

1. Din is-sentenza titratta dwar żewġ appelli, wieħed ta' kull parti, minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Ottubru 2020 dwar il-firda personali bejn il-partijiet u l-kura, kustodja, aċċess u manteniment ta' binhom. Il-partijiet iżżewġu fis-17 ta' April 2009 (att numru 260 tal-2009).

2. Il-kawża nbdiet permezz ta' rikors maħluf preżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' Novembru 2014, permezz ta' liema l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

*"a) tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibilita' ta' karattru, kif ukoll minhabba sevizzi gravi, inguri u mohqrija da parti tal-intimata lejn l-esponenti;*

*b) tiddikjara li l-intimata iddekadiet mid-drittijiet konjugali ai termini tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*c) tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta u ghalhekk tghaddi sabiex tillikwida u tiddividi l-istess komunjoni tal-akkwisti u dana mhux necessarjment fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;*

*d) tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Matthias tibqa' kongunta bejn il-partijiet;*

*e) tistabbilixxi l-mod kif l-esponenti ghandu jkollu access ghal ibnu minuri, Mathias.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa, ingunta in subizzjoni."*

3. Il-konvenuta wieġbet[1] illi:

*"1. Illi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mir-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti permezz tar-rikors guramentat huma ghal kollox infondati u ingustifikati, u dan kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna quddiem dina l-Onorabli Qorti;*

*2. Illi fir-rigward tal-ewwel talba l-esponenti ma ghandix oggezzjoni illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, izda dan habba ragunijiet unikament imputabbli lir-rikorrent fosthom eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi da parti tal-istess rikorrent fil-konfront tal-esponent, u in subsidium ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment- kollox kif ser jigi ppruvat tul it-trattazzjoni tal-kawza u hekk ukoll kif diga' premess mill-esponenti fil-kawza minnha pprezentata quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Lorraine Vella Calleja pro et noe vs. Joseph Vella (Rikors Guramentat Numru: 254/2014 AL );*

*3. Illi fi-rigward tat-tieni talba l-esponenti qed toggezzjona kategorikament stante illi ma tezisti l-ebda raguni valida fil-ligi sabiex*

[1] Fol. 76.

*jigu applikati fil-konfront taghha, id-disposizzjonijiet imsemmija mir-rikorrent.*

*4. Illi fir-rigward tat-tielet talba, ma hemmx opposizzjoni da parti tal-esponenti;*

*5. Illi r-raba' talba ghandha tigi michuda, b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Mathias ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti - dan skont kif minnha debitament mitlub fil-kawza konnessa sufferita.*

*6. Illi fir-rigward tal-hames talba ma ghandhix opposizzjoni da parti tal-Onorabbli Qorti, ghandu jkun limitat ghal access matul il-gurnata - dan ukoll ghal ragunijiet li ser jigu ampjament ippruvati fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

4. B'sentenza mogħtija fl-20 ta' Ottubru 2020 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba in kwantu tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi u eccessi kommessi da parti tal-attur;*

*2. Tichad it-tieni talba attrici;*

*3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti hekk kif gie deciz fis-sottotitolu "Komunjoni tal-Akkwisti."*

*4. Tichad ir-raba' talba attrici u tordna li l-minuri M jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva tal-konvenuta.*

*5. Tilqa' l-hames talba attrici u tiddikjara li l-access ghandu jigi ezercitat kif deciz fis-sottotitolu " Access."*

*L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-attur."*

5. Permezz ta' rikors preżentat fit-3 ta' Novembru 2020 il-konvenuta appellat minn dik il-parti dwar il-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi:

> *"filwaqt li tikkonfermaha meta laqgħet l-Ewwel talba u ċaħdet it-tieni, ir-raba' u l-ħames talba attriċi, tvarjaha u tbiddilha billi tilqa' ukoll it-tielet talba, b'dan illi mill-kontijiet bankarji tal-attur ma jitnaqqsux sehem l-appellanti mir-redundancy fee fl-ammont ta' ħamsin elf, disa' mija u wieħed us itting [recte: u sittin] Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€50,961.99), mill-Christmas bonuses fl-ammont ta' elfejn. Tmien mija u tnejn u ħamsin Euro u tlettax-il ċenteżmu (€2,852.13), u mis-salarju fl-ammont ta' sittax-il elf u ħames mitt Euro (€16,500) għar-raġunijiet hawn fuq premessi u b'hekk it-total li għandha tirċievi l-konvenuta appellanti jkun ta' mija u wieħed u erbgħin elf, tmin mija u ħamsa u tletin Euro u wieħed u ħamsin (€140,835.51) u mhux €70,792 kif dikjarat mill-Ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati."*

6. Fid-9 ta' Novembru 2020 l-attur ukoll ippreżenta rikors tal-appell fejn ilmenta: (i) minn apprezzament żbaljat tal-provi għaliex, (a) ma kellux jinstab responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ u (b) il-kura u kustodja ta' iben il-partijiet ma kellhiex tiġi fdata esklussivament lill-konvenuta; (ii) li saret komputazzjoni nkorretta tal-likwidazzjoni u diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; u (iii) li ma jeħilx l-ispejjeż. Jitlob għalhekk lil din il-Qorti:

> *"tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat is-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet u llikwidat u ddividiet il-komunjoni tal-akkwisti, nonostante tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata deċiża nhar l-għoxrin (20) ta' Ottubru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet premessi f'dik il-parti li tikkonċerna li l-appellant instab responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ, jiġi dikjarat li l-appellata ddekadiet mid-drittijiet konjugali ai termini tal-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiġi riveduta u ridotta s-somma hekk likwidata u diviża mill-komunjoni tal-akkwisti a favur tal-appellata, u tiġi riveduta u awmentata s-somma hekk likwidata u diviża mill-komunjoni tal-akkwisti a favur tal-appellant u finalment li l-kura u kustodja tal-minuri Mathias tiġi afdata konġuntivament bejn il-partijiet u bl-ispejjeż kontra l-appellata."*

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

*L-ewwel aggravju tal-attur*

7. Permezz tal-ewwel aggravju l-attur jilmenta li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi kemm rigward ir-responsabbilita` għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll fir-rigward tal-kura u kustodja ta' iben il-partijiet.

8. Dwar ir-responsabbilta` l-ewwel Qorti qalet:

> *"Il-kontendenti pprezentaw zewg kawzi differenti fl-ismijiet inversi. L-attur qed izomm lill-konvenuta responsabbli ghat-tifrik tal-hajja mizzewwga minhabba nkompatibbilita' ta' karattru, sevizzi gravi, ingurji u mohqrija kommessi da parti taghha.*
>
> *Il-konvenuta da parti taghha tikkundanna l-agir tal-attur u taghti t-tortijiet lilu minhabba eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid u ngurji gravi, tant li z-zwieg tkisser irrevokabilment.*
>
> *L-attur jikkontendi li l-konvenuta kienet tbati minn post-natal depression u flimkien mal-fatt li ma setghetx tadatta ghall-hajja fil-Germanja dawn kollha kienu fatturi li kkontribwixxew ghat-tifrik fiz-zwieg taghhom. L-attur jsemmi li l-konvenuta kienet close hafna tal-familja taghha u kienet thoss in-nuqqas taghhom. Izid ighid ukoll li l-konvenuta kellha problema in kwantu ma kinitx tafda lill-attur bil-minuri. Jirrizulta ukoll li kellhom idejat divergenti dwar il-mod kif ghandu jitrabba l-minuri. Omm il-konvenuta tiddeskrivi li meta kienu ghandhom il-Germanja u l-minuri kien qed jibki, il-konvenuta ma kinitx marret hdejh peress li qaltilhom li l-attur ma kienx ikun iridha taghtih attenzjoni.*
>
> *Kien hemm ukoll element ta' over protectiveness da parti tal-konvenuta, li kien iwassal sabiex l-attur jigi mcahhad milli jqatta' hin ma' ibnu. Il-ftit cans li kien ikollu kien meta l-konvenuta kienet tattendi evening classes tal-lingwa Germaniza, li kien insista maghha l-attur li ghandha tattendi biex tbiddel naqra mill-ambjent tad-dar. Madanakollu jidher li din ma tantx kienet tattendi b'mod regolari. Dan huwa kollu kkonfermat minn bin l-attur mill-ewwel zwieg tieghu.*
>
> *Ighid ukoll li l-konvenuta ngannatu, ghax meta sabet il-mument opportun, kienet giet Malta bil-minuri, bil-pretiza li tivvota, baqqghet hawn u ma regghetx marret lura mal-attur.*
>
> *Il-konvenuta da parti taghha kienet ilha thoss li dan iz-zwieg kien sejjer lura u kienet anke hadet parir biex imorru counselling. Iz-zwieg kien jidher li beda sejjer lura meta saret taf li l-attur kien ibati minn sleep apnoea, xi haga li jinnega tul il-proceduri. Isostni li c-certifikati mahruga*

*dwar dina l-kundizzjoni kienu nhargu fi zmien meta kienet ghaddej minn sitwazzjoni nstabbli fuq ix-xoghol, peress li kienu bdew ikeccu lin-nies. Ighid ukoll li dawn ic-certifikati kienu jehtiegu li jiddikjaraw li ghandu sleep apnoea peress li kellu bzonnhom sabiex itella' makkinarju ta' breathing apparatus fuq l-ajruplan.*

*Hemm diversi konflitti bejn ic-certifikati li pprezenta l-attur u dak li xehed.*

*Ciononostante, il-fatt li l-attur ibati minn sleep apnoea ma jwassalx biex ikun estrem ghas-separazzjoni, izda l-fatt per se li l-attur heba dina l-informazzjoni mill-konvenuta huwa gravi.*

*Hemm iktar cirkostanzi li juru li l-attur kien jahbi mill-konvenuta u mhux dejjem kien sincier maghha, partikolarment meta ma semma xejn dwar is-somma li ha mir-redundancy.*

*Ir-relazzjoni mat-tifel juri li l-attur kellu idejat ferm differenti mill-konvenuta dwar it-trobbija tal-minuri u dan jista' jaghti l-kaz peress li kien irabbi lit-tifel tieghu mill-ewwel zwieg wahdu. Dawn id-divergenzi wasslu ghal hafna dizgwid bejn il-kontendenti. Omm l-konvenuta tikkonferma li l-konvenuta donnha kienet tibza' mill-attur u kienet tisma' minghandu meta ma ridiex taghti attenzjoni lill-minuri waqt li kien qed jibki, okkazzjoni li halliha mdejjqa. L-istess tghid oht l-konvenuta li l-attur beda iktar isir distakkat minnhom meta kienet izzurhom.*

*Fid-dawl ta' dan kollu jirrizulta li jezistu ragunjiet sufficjenti sabiex l-attur jinzamm responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg minhabba sevizzi u eccessi."*

9. L-attur jiċħad li huwa jbati minn *sleep apnea* u jikkontendi li huwa kellu biss problemi ta' rqad temporanji li kien żvela lill-konvenuta meta kienu għadhom jiltaqgħu flimkien. Madankollu jisħaq li l-problemi ta' rqad ma kinux ta' natura serja u lanqas ma kienu ta' detriment għall-minuri binhom. F'dan il-kuntest jilmenta li l-ewwel Qorti ma kkonsidratx iċ-ċertifikat mediku tal-psikjatra Nigel Camilleri tat-3 ta' Novembru 2015, kif ukoll ikkonfermat minn Dr. Stefan Franken, u l-fatt li omm il-konvenuta xehdet li meta bintha kienet għadha toħroġ miegħu qaltilha li huwa kien ibati minn dik il-kundizzjoni. Jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti skartat il-fatt li

kienet il-konvenuta li abbandunat id-dar matrimonjali minkejja li l-ftehim bejn il-partijiet kien li huma jirrisjedu fil-Ġermanja. Jisħaq li huwa ried isalva ż-żwieġ u għamel ħiltu sabiex il-partijiet jirrimedjaw il-problemi bejniethom.

10. Effettivament, il-Qorti tal-ewwel grad kienet fattwalment żbaljata meta kkonkludiet illi l-attur ħeba mill-konvenuta li jbati minn *sleep apnea*. Fl-affidavit tagħha stess hija qalet:

> *"niftakar li ftit xhur wara li sirna nafu lil xulxin Joe kien qalli li jbati mill-kundizzjoni ta' l-iSleep Anea u li kien juża breathing apparatus waqt l-riqad. Kien irrakkontali ukoll li kien għamel testijiet estensivi ġewwa l-Ġermanja fejn kellu jmur anke għal weekend sħiħ ġo Sleep Clinic."*[2]

11. Fl-istess nifs il-konvenuta tgħid illi:

> *"Meta jiena mort il-Ġermanja wara li kellna lil Mathias, kont inħsadt meta sibt ċertifikat mediku minn speċjalista Ġermaniż li kien jgħid li żewġi jbati minn* ***__forma akuta ta' Sleep Apnea__****. Fil-fatt żewġi mhux talli qatt ma kien semma' l-gravita ta' din il-kundizzjoni iżda kien hemm drabi fejn saħansitra qalli li ma kienet xejn."*

12. Id-dokument li jidher li tirreferi għalih il-konvenuta jinsab a fol. 536. L-istess huwa *standard form* tradott bi tliet lingwi fejn hemm spazju vojt sabiex jiġi nserit isem il-pazjent segwit bil-kliem '*suffers from a serious sleep apnea syndrome which requires regular therapy with a mechanical ventilator during the night. Without this therapy patients life would be put in danger. With this statement I confirm that the transport of the CPAP*

---

[2] Fol. 196.

*machine in aeroplanes and whatsever presents no danger (e.g. explosion etc.).'* Fid-dokument żdied isem l-attur fl-spazju vojt u d-data tat-23 ta' Marzu 2007.

13. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-konvenuta ssorprendiet ruħha b'dik l-ittra meta hija stess tgħid li ftit xhur wara li ltaqgħu[3] l-attur infurmaha li kien ibati minn *sleep apnea* u meta jorqod kellu juża magna tan-nifs. Pierre Calleja, ħu l-konvenuta, qal li ftit wara li oħtu saret taf lill-attur kien qalilha li għandu l-kundizzjoni ta' *sleep apnea*. Żied li, *"1.... kont ħeġġiġta biex tistaqsi dwar din il-kundizzjoni u anke titkellem ma' professjonista sabiex tinforma ruħha kemm jista' jkun. Fil-fatt kienet qaltli li kienet tkellmet ma' tabib"*.[4]

14. Kuntrarjament għall-ewwel Qorti, il-Qorti mhi konvinta xejn li t-tkissir ta' żwieġ kellu x'jaqsam ma' *sleep apnea* u xi ħabi min-naħa tal-attur.

15. Ilum l-attur jinsisti li huwa fil-fatt m'għadux b'dik il-kundizzjoni u dak kien biss żmien f'ħajjtu fejn kellu problemi tal-irqad.[5] Madankollu, ma ressaqx prova medika li fil-fatt m'għadx għandu dik il-kundizzjoni. Kien

[3] Dan kien f'April tal-2007.
[4] Fol. 318 atti 250/2014.
[5] Fol. 236 tal-proċess 250/2014.

x'kien il-każ, il-provi juru li sa minn qabel iż-żwieġ il-konvenuta kienet infurmata li l-attur kellu l-kundizzjoni ta' *sleep apnea*.

16. L-ewwel Qorti semmiet ukoll li kien hemm ħabi ieħor min-naħa tal-attur, meta ma qalilhiex li kien irċieva *lump sum payment* meta l-prinċipal itterminalu l-impjieg.

17. Il-*court settlement* permezz ta' liema l-attur u l-prinċipal ftehmu dwar il-kundizzjonijiet tat-tmiem tal-impjieg tal-attur mit-30 ta' Settembru 2016 għal raġunijiet ta' *forced redundancy*, datat 29 ta' Frar 2016.[6] Dan kien allura ferm wara Marzu tal-2013 meta l-konvenuta ġiet Malta bit-tifel u baqgħet hawn. Dan ifisser allura li l-ħlas sar meta l-koppja kienet diġa` sseparat *de facto* u fl-istadju ta' separazzjoni.

18. F'Novembru tas-sena 2014 kull parti fetħet kawża ta' separazzjoni f'Malta.[7] F'dik is-sena wkoll l-attur beda wkoll proċeduri fil-Qorti tal-Familja ta' Munheim sabiex jottjeni pronunzjament ta' divorzju, liema sentenza ngħatat fis-16 ta' Novembru 2016.[8] Għalhekk, żgur li ma kienx l-allegat ħabi tat-*termination benefit* mill-impjieg preċedenti tal-attur li wassal għall-firda bejn il-partijiet.

---

[6] Fol. 515.
[7] Din il-kawża u l-kawża fl-ismijiet inversi bin-numru 250/2014.
[8] Fol. 333 et seq tal-proċess 250/2014.

19. Ħafna mill-allegazzjonijiet l-oħra li semmiet il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet quddiem l-ewwel Qorti huma wkoll marbuta ma avvenimenti li ġraw <u>wara</u> li ż-żwieġ kien tkisser. Għalhekk mhumiex rilevanti.

20. Il-Qorti fehmet li l-inkwiet bejn il-partijiet beda meta l-konvenuta telgħet tgħix il-Ġermanja bit-tarbija. Inqala' l-inkwiet dwar it-trobbija tat-tifel. Għalkemm f'dan il-każ xehedu wkoll familjari tal-partijiet, il-Qorti mhijiex tal-fehma li hemm xi xhud minnhom li qal fatti li jistgħu jikkonvinċuha li temmen verżjoni u mhux oħra. Bħal ħafna każijiet ta' din ix-xorta hi l-koppja li fir-realta` tkun taf x'ġara madwar il-ħitan tad-dar matrimonjali. Dan iktar u iktar f'każ bħal dan fejn l-inkwiet inqala' meta l-koppja kienet qiegħda tgħix barra minn Malta, filwaqt li l-familjari jgħixu Malta.

21. Hu veru wkoll li l-iben il-kbir tal-konvenuta jgħix il-Ġermanja u xehed li għamel l-ewwel għaxar xhur jgħix ma' missieru u l-konvenuta.[9] Spjega kif missieru u l-konvenuta kellhom ħsibijiet differenti dwar kif jieħdu ħsieb lil ħuh. Għalkemm qal li meta l-konvenuta niżlet Malta biex tivvota u ma rritornatx lura l-Ġermanja missieru kien imdejjaq, mill-provi ma jirriżultax li l-attur kien pro-attiv sabiex jikkonvinċi lil martu tirritorna lura. Il-provi anzi jindikaw li s-sitwazzjoni bejniethom kienet diġa`

---

[9] Fol. 239.

kompromessa. Għalkemm qal li l-konvenuta kienet *“16..... very unhappy away from Malta”*, minn dak li xehdet il-konvenuta hu evidenti li ma kinitx kuntenta bil-kwistjonijiet kontinwi.

22. L-attur qal li l-konvenuta kienet protettiva żżejjed tat-tifel filwaqt li l-konvenuta rrakkontat li kienet tagħmel iljieli ta’ terrur bl-għajjat kontinwu, abbuż verbali, psikoloġiku u emozzjonali da parti tal-attur li kien jintilef f’rabja nkontrollata kull darba li binhom minuri kien iqum jibki matul il-lejl.[10] Dwar il-ġlied li evidenti kien hemm bejn il-partijiet, iben l-attur ma semma xejn.

23. Għalkemm il-partijiet iżżewġu f’April tal-2009 u t-tifel twieled f’Awwissu tal-2011, il-konvenuta baqgħet tgħix u taħdem Malta sa Diċembru tas-sena 2011. F’dak il-perjodu l-partijiet kienu jżuru lil xulxin regolarment. Il-konvenuta ħadet sentejn *unpaid leave* mill-impjieg tagħha f’Malta[11], mill-14 ta’ Novembru 2011 sat-13 ta’ Novembru 2013. Għalhekk il-Qorti mhijiex konvinta li meta f’Jannar 2012 marret il-Ġermanja biex tingħaqad ma’ żewġha, kien hemm xi ftehim jew intenzjoni li tibqa’ tgħix hemm b’mod permanenti. Il-konvenuta qalet li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li fi tmiem dawk is-sentejn, meta t-tifel tal-attur miż-

[10] Fol. 54 et seq. tal-proċess 250/2014.
[11] Fol. 235.

żwieġ preċedenti li kien jgħix miegħu fil-Ġermanja jkun beda l-Universita`, il-familja tirritorna Malta.[12]

24. Ġara li t-tifel kien iqum ħafna matul il-lejl u filwaqt li l-konvenuta kienet tipprova twennsu bil-mod ta' persuna li għadha kif saret omm għall-ewwel darba, l-attur kellu fehma differenti. Il-konvenuta tgħid li l-attur kien jgħolli leħnu, jgħajjat magħha u jikkritikaha għaliex kienet għadha *breastfeeding.* Qalet ukoll li żewġha kien jirrabja b'mod li ma kienx kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu u daħlu f'ċirku vizzjuż fejn ta' kuljum l-attur kien jispiċċa jgħajjat, jinsolentaha u jagħmel kummenti sarkastiċi. Tgħid ukoll li l-attur ma ried l-ebda forma ta' komunikazzjoni u għamel minn kollox biex jiżolaha.[13]

25. Il-Qorti tqis il-verżjoni li tat il-konvenuta bħala waħda kredibbli. Filwaqt li l-verżjoni li tat fiha dettal ta' dak li għaddiet minnu, hemm ukoll *email* li bagħtet lill-ħabiba tagħha fl-4 ta' April 2012 fejn qed tifraħ għaliex binha kien raqad il-lejl u li r-relazzjoni ma' żewġha kienet aħjar.[14] Evidenti wkoll li n-nuqqas ta' rqad tat-tarbija matul il-lejl kien qiegħed joħloq tensjoni bejn il-koppja, għalkemm mill-*email* ma jidhirx li sa April 2012 kien hemm xi problemi partikolari.

[12] Fol. 62 proċess 250/2014.
[13] Fol. 56 proċess 250/2014.
[14] Fol. 256 proċess 250/2014.

26. Il-Qorti ma teskludix li l-konvenuta kienet *over protective* ta' binha. It-tifel kien l-ewwel wild tal-konvenuta filwaqt li l-attur kien diġa` missier ta' tifel mill-ewwel żwieġ, u saħansitra minn eta` tenera kellu l-kura u kustodja tiegħu. Pero` minn dak li fehmet il-Qorti l-attur m'addattax wisq tajjeb għar-realta` l-ġdida, ċioe` dik li kellu lil martu u ibnu jgħixu taħt l-istess saqaf u evidenti li hu u martu ma kellhomx l-istess ideat dwar il-kura ta' tarbija. Il-konvenuta sabet ruħha f'pajjiż barrani b'tarbija, 'il bogħod mill-familja tagħha. Din ovvjament kienet esperjenza ġdida għaliha. Evidenti li l-attur m'għamlilhiex ħajjitha faċli sabiex taddata ruħha fil-Ġermanja. B'hekk fi żmien qasir it-tensjoni bejn il-koppja kompliet tiżdied sakemm faqqgħet il-bużżieqa u l-konvenuta ma rritornatx lura l-Ġermanja wara li fil-bidu ta' Marzu 2013 niżlet Malta.[15] Għalkemm l-attur isostni li l-konvenuta niżlet Malta minkejja *'l-opposizzjoni espressa'* tiegħu,[16] il-Qorti taraha stramba kif l-attur ma ħax passi sabiex it-tifel jirritorna l-Ġermanja u anzi skont il-konvenuta għamel xhur sħaħ qata' l-kuntatt.

27. Wieħed jista' jargumenta li l-konvenuta kabbret l-affarijiet bla bżonn u ma tatx żmien sabiex tidra ħajja f'pajjiż differenti. Min-naħa l-oħra l-provi juru li l-konvenuta fittxet l-għajnuna biex issalva ż-żwieġ. Min kapriċċjożament ikun irid iwaqqaf ir-relazzjoni ma jmurx ifittex l-għajnuna. F'Diċembru tal-2012 fittxet għajnuna professjonali f'Malta *tramite* servizz

[15] Fol. 57 proċess 250/2014.
[16] Fol. 64 (Risposta preżentata fil-25.8.2014).

offrut mill-post tax-xogħol tagħha.[17] Fi Frar 2013 ippruvat tqabbad psikologa f'Dusseldorf iżda qalet li żewġha ma kienx ikkopera.[18]

28. Il-konvenuta qalet li f'Marzu 2013 ma rritornatx lura l-Ġermanja minħabba ċ-ċirkostanzi li kienet tgħix fihom u kienet imwerwra minn żewġha.[19] Madankollu, hija m'għalqitx il-bieb għal żewġha u kompliet tfittex l-għajnuna professjonali.[20] Ovvjament il-fatt li l-partijiet spiċċaw jgħixu separati minn xulxin m'għenx. Skont ma qalet f'Marzu 2013 il-psikologu Nicholas Cachia kien qal lil żewġha sabiex *'jindirizza l-problema tar-rabja, u min hemm 'l hemm żewġhi ma riedx jiġi għal aktar sessjonijiet miegħi għand il-psikoloġista Malti'*.[21] Il-psikologu ma tressaqx bħala xhud minkejja li ismu kien inkluż fil-lista tax-xhieda. Hu veru li dak li seta' qallu l-attur hu kopert mis-sigriet professjonali. Madankollu ma kien hemm xejn x'iżomm lill-konvenuta milli tħarrku biex jixhed dwar dak li kkonfidat miegħu. F'kull każ il-konvenuta ppreżentat email li bagħtet lill-psikologu fil-bidu ta' Jannar 2013 fejn infurmatu li kienet irritornat il-Ġermanja; *"Once Joe showed his willingness to receive professional help, I felt that coming back together was the right thing to do"*.[22] Evidenti li ma kienx hemm żvilupp għaliex spiċċaw qatt ma marru għall-għajnuna fil-Ġermanja, minkejja li l-konvenuta ppruvat. Evidenti li l-attur kellu

[17] Fol. 653.
[18] Fol. 58 proċess 250/2014.
[19] Fol. 632, 635.
[20] Fol. 196, 638.
[21] Fol. 58 atti 250/2014.
[22] Fol. 653 tal-atti 247/2014.

ħsibijiet oħra. Dan wassal sabiex f'qasir żmien l-affarijiet fir-relazzjoni bejn il-partijiet komplew jippreċipitaw u l-konvenuta ddeċidiet li tibqa' Malta.

29. Għalkemm l-attur jgħid li martu għandha *personality disorder* u kienet qiegħda ssofri minn *post-natal depression*, m'hemmx provi ta' dan. L-attur qal ukoll li kien għaraf li martu kienet għaddejja minn perjodu diffiċli wara t-twelid u ra kif jagħmel biex jgħinha. Pero` l-verżjoni li tat il-konvenuta hi differenti ħafna. L-istess il-konvenuta għamlet diversi allegazzjonijet dwar is-saħħa tal-attur. Allegazzjonijiet li baqgħu ma ġewx ippruvati, bl-eċċezzjoni tal-kundizzjoni ta' *sleep apnea*.

30. Jidher li bejn Ġunju u Settembru 2013 l-attur qata' l-kuntatt mal-konvenuta. Imbagħad għalkemm qal li kien lest li jfittxu l-għajnuna ta' *family therapist*, ma jirriżultax li wera entużjażmu biex verament isir xi ħaġa biex jissolvew il-problemi li kien hemm. Fil-fatt fi Frar tal-2014 beda l-proċeduri ta' divorzju fil-Ġermanja.[23] L-indikazzjoni hi li ż-żwieġ kien diġa` kompromess meta l-konvenuta ddeċidiet li ma tirritornax lura l-Ġermanja. Għalhekk il-Qorti mhijiex konvinta li r-raġuni tat-tifrik ta' żwieġ kien minħabba abbandun tal-konvenuta għaliex baqgħet Malta.

[23] Ara x-xhieda tal-appellata. Fil-fatt, min-naħa tiegħu l-appellant jgħid li l-konvenuta ġiet notifikata bil-proċeduri tad-divorzju fid-29 ta' Awwissu 2014.

31. Jingħad ukoll li sabiex ikun hemm abbandun irid ikun hemm perjodu kontinwu ta' sentejn. F'dan il-każ kienu għadhom m'għaddewx is-sentejn (Art. 48 tal-Kodiċi Ċivili) meta l-attur beda l-proċeduri ta' divorzju fil-Ġermanja. Kien imbagħad f'Marzu tal-2014 li l-konvenuta talbet lir-Reġistratur sabiex jinbeda l-proċess ta' medjazzjoni qabel il-proċeduri ta' separazzjoni.[24] F'Novembru ta' dik is-sena kull parti fetħet kawża ta' separazzjoni. M'hemm l-ebda prova li l-attur għamel xi ħaġa sabiex martu tirritorna lura l-Ġermanja.

32. Għalkemm il-Qorti ma taqbilx li t-tkissir taż-żwieġ seħħ minħabba l-fatti li semmiet l-ewwel Qorti u li fil-fehma tagħha kienu prova ta' ħabi tal-attur, minn dak li ntqal hawn fuq il-Qorti xorta tikkonkludi li l-attur kien x'aktarx responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. L-atteġġament żorr mal-konvenuta fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u n-nuqqas ta' *effort* biex ifittxu l-għajnuna sabiex jibdel l-atteġġament, wassal sabiex eventwalment il-ħajja miżżewġa sfumat fix-xejn wara ftit iktar minn sena li l-koppja bdiet tikkoabita. L-indifferenza tal-attur meta f'Marzu 2013 il-konvenuta baqgħet Malta bit-tifel, hi fiha nnifisha ndikazzjoni li l-attur ma kellux intenzjoni li jinbidlu l-affarijiet.

33. It-tieni parti tal-ewwel aggravju tal-attur tirreferi għal dak deċiż mill-ewwel Qorti dwar il-kura u kustodja tal-minuri iben il-partijiet, ossija:

---

[24] Fol. 31.

*"L-attur qed jinsisti li ghandu jkun hemm kura u kustodja kongunta tal-minuri stante li jkun fl-ahjar interess tieghu u fuq kollox jekk dan ma jsirx ikun hemm ir-riskju li jigi aljenat minn missieru. Il-konvenuta m'ghandhiex l-istess pretensjonijiet. Ghaliha l-minuri ghandu jigi fdat fil-kura u kustodja esklussiva taghha u dan minhabba l-fatt li l-attur ighix il-Germanja u qatt ma tah hafna importanza lill-minuri. Inoltre, minhabba l-epileptic fits u s-sleep apnoea, li bihom takkuza lill-attur li jbati minnhom, tirrileva li mhux missier idoneju biex jiehu hsieb il-minuri.*

*Kif diga' nghad minn dina l-Qorti, il-mod tat-trobbija tal-minuri Mathias, kienet dejjem tat lok ghal dizgwid bejn il-partijiet. L-attur minn dejjem ihoss li gie mwarrab mill-minuri, minkejja li jinzel frekwentement Malta biex ikun ma' ibnu.*

*...*

*Mir-rizultanzi processwali jirrizulta li l-kontendenti ma jaqblu fuq xejn u anke ghall-iskrizzjoni tal-minuri f'skola kien hemm dizgwid. Tenut kont ta' dan dina l-Qorti thoss li jekk kemm il-darba kellha tilqa' t-talba attrici, il-partijiet ser ikunu telghin u niezlin il-Qorti b'diversi rikorsi stante nuqqas ta' qbil fuq l-istess minuri. Dan iwassal ghall-inqas stabbilita' f'hajjet il-minuri, kif ukoll ifassal ghal izjed tenzjoni fuq l-istess u dan sikurament mhux fl-ahjar interess tieghu. Minkejja li taqbel mar-ragunament tal-attur, dina l-Qorti thoss li ghandha tissalvagwardja mhux biss l-interessi tal-minuri fuq livell psikologiku, izda ukoll fuq livell emottiv.*

*Ghaldaqstant, ikun fl-ahjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tkun wahda esklussiva ghall-konvenuta."*

34. L-appellant jilmenta iżda li ma saret l-ebda prova li huwa mhuwiex affidabbli biżżejjed jew li mhuwiex idoneju biex il-kura u kustodja tal-minuri tkun konġuntiva. Jgħid li kuntrarjament għal dak deċiż fil-prim' istanza, il-partijiet qablu dwar l-iskola li kellu jattendi l-minuri. L-uniku diżgwid kien dwar il-manteniment. Jilmenta li mhuwiex ġust li huwa jiġi żvestit mill-kura u kustodja ta' ibnu minħabba l-fatt li l-appellata abbandunat id-dar matrimonjali u għażlet tiġi tgħix hawn Malta kontra r-rieda tiegħu. Jikkontendi li dan se jiffaċilita` lill-konvenuta appellata

taljena lill-minuri minnu u li se jkollu jirrikorri l-Qorti fuq kull safra li huwa jippjana flimkien mal-istess ibnu.

35. Il-ħajja tal-minuri hija llum stabbilita Malta flimkien mal-omm filwaqt li l-attur jgħix il-Ġermanja. Huwa għalhekk iżjed prattiku, u fl-interess suprem tal-istess minuri, li l-omm tiġi fdata l-kura u kustodja tiegħu. Fl-istess waqt l-attur għandu dritt għal aċċess adegwat, b'dan illi, kuntrarjament għal dak allegat minnu mhuwiex se jiġi aljenat minn ibnu.

36. Hawnhekk il-Qorti tosserva li għalkemm fl-appell mis-sentenza fil-kawża numru: 250/2014 l-attur jilmenta dwar l-aċċess u l-manteniment li għandu jħallas għat-tifel, fl-appell li ppreżenta f'din il-kawża ma ressaqx aggravju f'dak ir-rigward u lanqas f'dak li talab fir-rikors tal-appell. Dan minkejja li s-sentenza fil-kawża 250/2014 straħet kompletament fuq il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni li ngħatat f'din il-kawża.

37. Ladarba fil-kawża in eżami ma sarx aggravju dwar il-manteniment u l-aċċess għall-minuri, dik il-parti tas-sentenza hi ġudikat.

*It-tieni aggravju tal-attur u l-appell tal-konvenuta.*

38. Il-Qorti sejra issa tikkonsidra t-tieni aggravju tal-attur u l-appell tal-konvenuta dwar il-qasma ta' dak li kien hemm fil-komunjoni tal-akkwisti. Il-parti rilevanti tas-sentenza appellata hija s-segwenti:

*"Il-konvenuta pprezentat diversi pretensjonijiet in kwantu jirrigwarda l-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Fosthom hemm l-assi rizultanti mill-kontijiet bankarji tal-attur, li flimkien jammontaw ghal €80,308.20. Maghhom imbaghad skond il-konvenuta ghandhom jinghadu l-pretensjonijiet l-ohra li jirrizultaw skond id-dokument "Dettalji tal-Aggustamenti" mehmuza man-nota ta' sottomissjoni taghha.*

*Inoltre, il-konvenuta zdiedet maghhom ukoll il-kontijiet bankarji taghha li ukoll huma mehmuza man-nota ta' sottomissjonijiet taghha u dawn jammontaw ghal €7,288.79 u wara li saru l-aggustamenti, it-total dovut lill-attur huwa ta' €12,514.29.*

*L-attur ma pproduca l-ebda prova sabiex jikkontesta dawn il-pretensjonijiet u lanqas il-valur taghhom, ghajr ghal tnejn minnhom, primarjament u b'mod partikolari ghar-redundancy fee li rcieva li skond il-konvenuta kien jammonta ghal €101,923.98. L-attur jopponi ghal dan l-ammont peress li skond hu kien ircieva l-ammont ta' €130,000. liema ammont imbaghad kien tnaqqsu minnu t-taxxi u kien ircieva biss is-somma ta' €74,276.68. Ciononostante, jirrileva ukoll li dan l-ammont ircevih biss wara li kienu ottjenew id-divorzju fid-29 ta' Awwissu, 2014 u ghalhekk ma kienx formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Id-divorzju per se jwassal ghax-xoljiment taz-zwieg u ghalhekk ma tibqax funzjonanti l-komunjoni tal-akkwisti. Jista' jinghad ukoll li r-redundancy kienet tmur lura fiz-zmien, meta kien ghadu japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti, imma effettivament dawn l-assi dahlu iktar tard u ma jistghux jigu ikkalkolati retroattivament. Ghaldaqstant, taqbel mat-tezi tal-attur, li r-redundancy fee kienet x'kienet m'ghandhiex tigi mdahhla fil-likwidazzjoni tal-komunjoni.*

*It-tieni nett, il-konvenuta ukoll qed tippretendi li ghandha tiehu nofs l-ammont ta' Christmas bonuses imhallsa lill-attur mill-impjegat tieghu kif ukoll nofs l-ammont tas-salarju mhallsa lilll-attur ghax-xhur April, 2015 sa Frar, 2016. Ghal darb'ohra, ir-regim tal-komunjoni ma jistax japplika hawnhekk peress li diga' kienet inghatat sentenza tad-divorzju. Apparti minn hekk, il-konvenuta kellha biss dritt li titlob il-manteniment minn dan l-introjtu, meta effettivament hekk kien qed jigri ghaliex l-attur kien qed ihallas lill-konvenuta l-manteniment ghall-minuri.*

*Ghaldaqstant, l-likwidazzjoni ghandha ssir fis-segwenti mod:-*

*<u>Lill-konvenuta</u>*

*i) Mill-kontijiet bankarji tal-attur ghandhom jitnaqqsu sehemha mir-redundancy fee fl-ammont ta' €50,961.99;*

*ii) Mill-aggustamenti jitnaqqsu l-pretensjoni numru 11 fl-ammont ta' €2,582.13 u numru 12 fl-ammont ta' €16,500.*

*iii) Jigu kkonfermati s-sehem tal-konvenuta mill-kontijiet bankarji l-ohra, flimkien mal-aggustamenti minn punt 1 sa 10.*

*It-total li ghandha tircievi l-konvenuta huwa dak ta' €70,792.*

*Lill-attur*

*i) Il-konvenuta ghandha tghaddi lill-attur is-somma ta' €12,514.29 rapprezentanti flus bankarji mill-kontijiet tal-konvenuta, kif ukoll sehemhu mit-taxxa li giet rifuza lill-konvenuta;*

*ii) Il-hwejjeg parafernali tal-attur li huma frames, lampshades, old sewing machine, old kitchen scale, kitla, pozati tal-kcina, deheb tal-attur u ta' ibnu John Luke li jikkonsistu f'gizirajjen, brazzuletti, crieket u pendenti."*

39. Fit-tieni aggravju tiegħu l-attur jilmenta li l-prospett preżentat man-nota ta' sottomissjoniet tal-konvenuta kellu jiġi sfilzat għaliex jammonta għal provi ġodda. Jisħaq f'kull każ li '*kif ġie sodisfaċentement ippruvat fil-mori tal-kawża',* skont l-Artikolu 1384 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż il-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta minn dik il-ġurnata li l-konvenuta rċeviet l-applikazzjoni għad-divorzju u ċioe` mid-29 ta' Awwissu tas-sena 2014. Jilmenta illi minkejja li l-ewwel Qorti qablet miegħu, u konsegwentement sabet illi l-ammonti (i) u (ii) ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti, hija żiedet dawk l-ammonti flok naqqsithom. Dwar il-kontijiet bankarji jidher ukoll li d-data effettiva kienet dik tad-29 ta' Awwissu 2014 u mhux tal-24 ta' Diċembru 2016 kif deċiż mill-ewwel Qorti. Dwar il-punt numru (iii) jilmenta li mbagħad li l-Qorti ma tatx każ illi kien hemm *depreciation* fuq id-diversi mobbli hemm elenkati u li m'apprezzatx sew il-provi fir-rigward tal-aġġustamenti l-oħra pretiżi mill-konvenuta. Jgħid ukoll li ma jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenuta ġiet

ordnata tħallsu s-somma €12,514.29 u nofs it-taxxa lilha rifuża. Madankollu l-attur ma tax spjegazzjoni ta' dik li fil-fehma tiegħu għandha tkun il-komputazzjoni korretta u qal biss:

> *"tikkunsidra l-fatti kollha tal-każ u konsegwentement tevalwa u tirriduċi l-ammont li hu ġie ordnat jivversa versu l-appellata kif ukoll sabiex tawmenta l-ammont li l-appellata ġiet ordnata tivversa lill-appellant, b'dan li dan l-ammont ikun wieħed raġjonevoli u veritier."*

40. Dak mhuwiex il-mod kif wieħed jissostanzja aggravju u l-attur ma jistax jippretendi li din il-Qorti toqgħod tagħmel eżerċizzju li suppost għamel hu u tipprova taqta' għal x'hiex qiegħed jirreferi. Saħansitra, fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fl-ewwel Qorti wkoll għażel li ma jikkummentax dwar it-tagħrif li hemm fir-rendikont *'Kontijiet f'isem Lorraine Vella Calleja'* mehmuż man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta.

41. Min-naħa l-oħra, fl-appell tagħha l-konvenuta tilmenta illi l-ewwel Qorti għamlet żball ta' fatt għaliex id-deċiżjoni tad-divorzju ngħatat fis-16 ta' Novembru 2016 u saret finali biss fl-24 ta' Diċembru 2016 mhux fid-29 ta' Awwissu 2014 kif ingħad fil-konsiderazzjonijiet tagħha. Għalhekk, ir-*redundancy benefit*, li l-attur kellu jirċievi sal-31 ta' Ottubru 2016 u fil-fatt irċieva fil-kont kurrenti tiegħu fil-*Concors Bank* fis-27 ta' Ottubru 2016, hu wkoll parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid li l-*Christmas bonuses* kif ukoll is-salarju għall-perjodu April 2015 sa Frar 2016 ġew imħallsa mill-attur qabel id-data tad-divorzju.

42. Fl-ewwel lok mill-provi jirriżulta li:

i. Il-partijiet iżżewġu f'Malta fis-17 ta' April 2009. Mela minn dakinhar bdiet il-komunjoni tal-akkwisti (Art. 1316 tal-Kodiċi Ċivili);

ii. Isseparaw *de facto* għal ħabta ta' Marzu 2013 meta l-konvenuta ġiet Malta u baqgħet tgħix hawn;

iii. Fi Frar 2014 l-attur beda proċeduri ta' divorzju fil-Ġermanja;

iv. Fis-27 ta' Ottubru 2016 l-attur irċieva r-*redundancy benefit*;

v. Fis-16 ta' Novembru 2016 ingħatat sentenza ta' divorzju mill-Qorti tal-Familja f'Mulheim, mingħajr ma ġiet attribwita xi ħtija lil xi parti. Fis-sentenza ma jingħad xejn dwar il-ġid tal-partijiet. M'hemmx prova li dik is-sentenza ġiet infurzata f'Malta.

43. Fl-ewwel lok l-attur m'għandux raġun jilmenta li d-dokumenti annessi man-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta kellhom jiġu sfilzati. Dawn huma tliet dokumenti li bihom il-konvenuta spjegat il-pretensjonijiet tagħha għal dak li huwa manteniment għat-tifel, id-diviżjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-aċċess għall-minuri. Fil-każ ta' '*Dok NTS LVC2'* dwar il-

komunjoni tal-akkwisti, l-istess jagħti stampa grafika tal-pretensjonijiet tal-konvenuta f'tabelli fejn kull ammont ġie spjegat skont il-provi li hemm fl-atti. Għalhekk fihom ġabra ta' tagħrif ta' natura finanzjarja b'referenza għall-provi li tressqu.

44. Minn dak li qal l-attur fit-tieni aggravju jidher li ma fehemx l-eżerċizzju matematiku li għamlet l-ewwel Qorti. Il-punt ta' tluq kienet il-komputazzjoni li għamlet il-konvenuta a fol. 689 *et seq* fejn talbet li tingħata €140,835.51 u hemm spjegat kif waslet għal dik iċ-ċifra. Peress li dak l-ammont jinkludi r-*redundancy payment* u Christmas *bonuses* u s-salarju li kellu jitħallas lill-attur għax-xhur April 2015 sa Frar 2016, u li skont l-ewwel Qorti ma daħlux fil-komunjoni tal-akkwisti, dik il-Qorti naqset l-ammonti relatati ma' dak id-dħul. Għalhekk naqqset is-somma ta' €50,961.99 ('*D3'* fid-dokument a 689) u l-ammonti ta' €2,582.13 u €16,500 (numri 11 u 12 tar-rendikont a fol. 692) mit-total ta' €140,835.51 pretiż mill-konvenuta). Konsegwentement, assenjat lill-mara s-somma ta' <u>€70,792</u>.

45. Kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, mhuwiex minnu li d-divorzju fil-Ġermanja ngħata fid-29 ta' Awwissu, 2014. Is-sentenza mill-Qorti tal-Familja ta' Munheim ingħatat fis-16 ta' Novembru 2016 u skont m'hemm stampat fuq il-kopja informali tas-sentenza, saret finali fl-24 ta'

Diċembru 2016.[25] Għalhekk il-konvenuta għamlet il-kalkoli tagħha fuq il-bilanċi bankarji tal-partijiet bejn id-data taż-żwieġ u t-23 ta' Diċembru 2016.[26] L-attur iżda jsostni li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata fid-29 ta' Awwissu tas-sena 2014, ossija, il-ġurnata li fiha l-konvenuta allegatament irċeviet l-applikazzjoni għad-divorzju. F'dan il-kuntest jikkwota l-Artikolu 1384 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż.

46. Il-Qorti ma tistax tilqa' l-argument tal-attur għal varji raġunijiet:

46.1. Fl-ewwel lok ma saritx prova sodisfaċenti tal-liġi Ġermaniża. Mhuwiex biżżejjed li tagħmel biss referenza għall-artikolu f'liġi estera. Fl-assenza ta' *expert opinion* minn persuna kompetenti li tiġi prodotta bħala xhud u li jkun soġġett għall-kontro-eżami, il-Qorti mhijiex f'pożizzjoni li tistrieħ fuq artikolu iżolat ta' ordinament ġuridiku ieħor;

46.2. Skont it-traduzzjoni li pprovda l-attur, dan l-artikolu jgħid iżda illi '*If the marriage is dissolved by divorce, then when the accrued gains are calculated and for the amount of the equalisation claim, the date of the end of the property regime is replaced by the date when the divorce petition was first pending at court'.* Apparti li m'hemmx prova meta kienet notifikata t-talba għad-divorzju, dak il-proċess jista' jsir biss minn qorti Ġermaniża. M'hemmx prova li l-attur fetaħ xi proċeduri fil-

[25] Fol. 333 *et seq*.
[26] Fol. 689.

Ġermanja f'dak is-sens. Din il-Qorti ser tiddeċiedi a bażi tal-liġi Maltija li tirregola l-komunjoni tal-akkwisti.

47. Fis-sentenza l-ewwel Qorti laqgħet it-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Li hu żgur hu li meta l-attur irċieva r-*redundancy payment*, kienet għadha teżisti l-komunjoni tal-akkwisti li bdiet f'Malta meta l-konjuġi żżewġu Malta. L-istess meta rċieva s-salarju u l-bonus li l-konvenuta tippretendi sehem minnhom. M'hemmx lanqas prova li sa dakinhar is-sentenza tal-Qorti tal-Familja fil-Ġermanja kienet ġiet eżegwita f'Malta bir-reġistrazzjoni tad-divorzju.

48. Isegwi illi safejn il-konteġġi tal-konvenuta saru fuq bilanċi bankarji bejn id-data taż-żwieġ u t-23 ta' Diċembru 2016, l-istess huma korretti.

49. Skont deċiżjoni mogħtija mil-*Labour Court* fil-Ġermanja fid-29 ta' Frar 2016, bi qbil bejn l-attur u min kien iħaddmu, l-impjieg tal-attur kellu jintemm fit-30 ta' Settembru 2016 suġġett għas-segwenti pagamenti:

49.1. Pagament tas-salarju sħiħ sa tmiem l-impjieg u *consideration of outstanding leave entitlements or time in lieu*;

49.2. *Christmas bonus and the premium to the amount of €2,951.00 for 2015 are payable with the next pay slip, unless they have been paid*

*already in full. All leave bonus 2016 is payable with the June 2016 payslip. The Christmas bonus and the premium for 2016 to the amount of 2,951.00 EUR for 2016 are payable pro rata for the period January to September 2016 with the final payslip'*; u

49.3. €130,000 gross *severance pay for loss of employment* li kellha titħallas sal-31 ta' Ottubru 2016.

50. Fl-2016 l-attur iddikjara dħul gross ta' €178,155.56[27] li minnu ġew imnaqqsa ammonti sostanzjali ta' taxxa u kontribuzzjonijiet statutorji.[28] Jirriżulta li wara xi aġġustamenti (ara fol. 436) id-dħul tal-appellant *net* għal dik is-sena kien ta' <u>€118,723</u>.

51. Minn dak l-ammont is-somma ta' €74,276.68 irċeviha bħala *lump sum* fis-27 ta' Ottubru 2016[29] f'*current account* tiegħu mal-Consors Bank. Din tirrappreżenta r-*redundancy benefit payment* net mit-taxxi. Huwa mbagħad ittrasferixxa l-istess f'*savings account* f'ismu mal-istess Bank[30] fejn diġa` kien għamel xi depożiti oħra. Għalhekk, f'Diċembru tal-2016 dak il-kont kien fih depożitat is-somma ta' <u>€101.923.98</u>.[31] Il-konvenuta tippretendi nofshom, ossija, €50,961.99.

[27] Fol. 332 u 419.
[28] Fol. 436.
[29] Fol. 459.
[30] Fol. 585 *et seq*.
[31] Fol. 473.

52. Fil-fehma tal-Qorti tali pretensjoni hija ġustifikata billi tirreferi għall-akkwisti li saru meta kien għad hemm il-komunjoni tal-akkwisti. Safejn l-istess somma tirrappreżenta *in parte* sehem il-konvenuta mir-*redundancy benefit*, il-ġurisprudenza tipprovdi:

> *"fil-ġiurisprudenza Maltija hu paċifiku li l-"gratuity" li l-impjegat jieħu meta jirtira mix-xogħol tiegħu tidħol fil-komunjoni tal-akkwisti".*[32]
>
> *'Il-gratuwita' li mpjegat jirċievi meta jirtira mix-xogħol (a differenza tal-"Commpassionate Gratuity" mogħtija "ex gratia" lid-dipendenti tal-impjegat, li ma tidħolx fil-komunjoni tal-akkwisti, - ara Prim'Awla Ċivili 24 ta' Lulju 1946 in re "Bonnici vs. Schembri et.", Vol. XXXII-II-421, u l-konsiderandi mhux publikati dwar pagamenti "ex gratia" fis-sentenza tal-Prim'Awla Ċivili 30 ta' Jannar 1950 in re "Dolores Galea vs. Angelo Galea") għandha, skond il-prevalenti ġiurisprudenza, tidħol fl-assi tal-akkwisti konjugali, anki jekk l-istess ġiet imħallsa wara x-xoljiment tal-komunjoni."*[33]

53. Għalhekk, safejn il-konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas is-somma ta' €50,961.99 mil-likwidazzjoni favuriha, l-aggravju hu milqugħ.

54. Min-naħa l-oħra l-konvenuta m'għandhiex raġun tippretendi l-ammonti li tippretendi f'para 11 u 12 tar-rendikont a fol. 692 tal-atti.

55. Skont il-ftehim ta' terminazzjoni ta' impjieg datat 29 ta' Frar 2016, l-attur kellu jirċievi wkoll *christmas bonuses* u s-salarju sa tmiem l-impjieg kif fuq ingħad. F'dik is-sena huwa ddikjara dħul *net* ta' €118,723. Fl-

---

[32] *Carmela Cassar vs Giuseppe Cassar* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-21 ta' April 1960.

[33] *John Vassallo vs Moses Vassallo,* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Jannar 1957.

istess sena, il-kumpanija li kienet tħaddmu ttrasferiet is-somma komplessiva ta' €99,274,94 fil-*current account* tiegħu mal-Consors Bank.[34] Il-bilanċ żgħir rimanenti huwa ukoll fil-maġġior parti *accounted for* b'dħul ieħor fl-istess kont.

56. Bla dubju parti minn dak id-dħul serva għall-għajxien tal-attur u ta' wliedu u spejjeż oħra relatati mal-ivvjaġġar tiegħu lejn Malta filwaqt li somom oħra ġew trasferiti fis-*savings account* tal-attur mal-istess Bank kif diġa` ngħad. Il-Qorti għalhekk hija sodisfatta li l-ammonti pretiżi mill-konvenuta fl-aġġustamenti numri 11 u 12 huma diġa` kompriżi fil-komputazzjoni tal-bilanċi bankarji li tat rendikont dwarhom fid-dokument NTS LVC2 a fol. 689. Dan apparti li filwaqt li l-konvenuta semmiet sal-inqas ċenteżmu l-qligħ tal-attur, ma tat l-ebda rendikont sodisfaċenti tal-qligħ li għamlet hi matul il-perjodu rilevanti. Għaldaqstant, din il-parti tal-appell tal-konvenuta hi miċħuda.

57. L-attur jilmenta wkoll mill-paragrafu (iii) tal-istess likwidazzjoni fejn il-Qorti tal-ewwel grad ikkonfermat is-sehem tal-konvenuta mill-kontijiet bankarji l-oħra flimkien mal-aġġustamenti minn punt 1 sa 10.

58. Dwar il-karozza u l-għamara li tinsab fl-appartament tiegħu fil-Ġermanja ndikata fl-aġġustamenti tal-konvenuta numri 4, 7, 8 u 9, l-attur

---

[34] Fol. 441.

jilmenta li l-Qorti tal-ewwel grad '*naqset tieħu in konsiderazzjoni tad-depreciation value tagħhom.'*

59. Skont dokument ippreżentat mill-attur a fol. 410[35] il-karozza in kwistjoni nxtrat fiż-żwieġ fis-16 ta' Lulju 2009 għall-prezz ta' €15,848 u fuqha tħallas depożitu ta' €6,500.[36] Ittieħed imbagħad self fuq il-bilanċ ta' €9,348 li flimkien ma' kreditu ta' €853.31 għal spejjeż relatati li ammonta għall-bilanċ ta' self ta' €10,201.31 li tħallas matul iż-żwieġ. Il-pretensjoni tal-konvenuta hija limitata għal nofs dak is-self.

60. Ladarba l-karozza nxtrat matul iż-żwieġ, tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu billi l-vettura ħadha l-attur u tintuża fil-Ġermanja, għandu jħallas nofs il-valur lill-konvenuta. L-attur ma ppreżentax stima tal-valur tal-vettura. Illum il-vettura għandha tlettax-il sena. Fiċ-ċirkostanzi sehem il-konvenuta mill-vettura qiegħed jiġi likwidat fl-ammont ta' €1,500.

61. Dwar l-għamara li nxtrat matul iż-żwieġ u tinsab fl-appartament tal-attur /ibnu John Luke fil-Ġermanja, imsemmija fl-aġġustamenti numri 7, 8 u 9, l-attur xehed[37] li l-istess illum ma għandha l-ebda valur. Madankollu ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan. Il-Qorti mhux f'pożizzjoni li

---

[35] Ara ukoll fol. 487.
[36] Ara ukoll fol. 532.
[37] Fol. 577 *et seq*.

tivvaluta hija stess din l-għamara iżda temmen li tnaqqis ta' 15% għall-iżvalutar tal-istess huwa raġonevoli tenut kont tal-fatt li dik l-għamara nxtrat f'Jannar 2011, Ġunju 2012 u biċċiet oħra *second hand* f'Jannar tal-2014.[38] Għalhekk il-konvenuta għandha tirċievi biss 85% tal-ammonti fl-aġġustamenti rispettivi, ossija €863 għall-partita numru 7, €807 għall-partita numru 8 u €366 għall-partita numru 9 li jissemmew fir-rendikont "komunjoni tal-akkwisti – sehem dovut lill-partijiet dettalji tal-aġġustamenti" a fol. 691 sa 692.

62. Il-konvenut jippretendi wkoll tnaqqis rappreżentanti *depreciation* fuq spejjeż sabiex saru l-kmamar tal-banju fir-residenza parafernali tiegħu fil-Mellieħa. Dan għaliex jgħid li l-konvenuta gawdiet mill-kirjiet.

63. Jidher li hawn l-attur qiegħed jirreferi għal dak li l-konvenuta tirreferi għalih bħala 'aġġustament' numru 2 tad-dokument a fol. 691 li jkopri l-ispejjeż elenkati mill-konvenuta f''Dok LVC 11' a fol. 147 tal-proċess 250/2014. Is-somma ta' €12,161 tirrappreżenta mhux biss nofs l-ispejjeż fuq il-kmamar tal-banju iżda jinkludi wkoll prezz għall-pannelli fotovoltajċi, xogħlijiet fuq il-ħitan esterni u *sucession fees.*

64. Il-valur tal-oġġetti/xogħlijiet elenkati mill-konvenuta m'għandhomx jitnaqqsu minħabba xi deprezzament. L-awment fil-valur tal-fond

---

[38] Fol. 532.

igawdieh is-sid u għalhekk jekk hemm xi deprezzament iġorru hu wkoll. Għalhekk l-attur m'għandux raġun f'dan l-ilment u s-somma dovuta hi €12,161.

65. L-attur ilmenta wkoll dwar il-pretensjonijiet tal-konvenuta spjegati f'numru 5a u 5b tal-istess dokument. Dawn jirreferu għal nofs il-kera mħallsa lis-sid il-kera tal-appartament fejn kien jgħix ibnu John Luke għas-sena 2014 u bejn Jannar u Marzu 2015, total ta' €4,875.[39] Dak kien żmien meta l-koppja kienu diġa` separati *de facto*. Ħlas li ovvjament kien qiegħed isir mill-attur bħala ġenitur ta' ibnu li kien qiegħed jistudja l-Universita`. Bħala missier, l-attur kellu obbligu li finanzjarjament jgħin lil ibnu sabiex ikompli jistudja, apparti l-fatt li milli fehmet il-ħlas kien qiegħed ukoll isir mill-kirja ta' kamra fl-istess appartament lil terza persuna. Dan apparti li l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-konvenuta kienet taf li l-attur qiegħed finanzjarjament jgħin lill-ibnu sabiex ikompli jistudja, u ma jirriżultax li oġġezzjonat.

66. Għal dak li jirrigwarda dħul mingħand il-*flatmate* ta' iben l-attur, sa <u>Jannar 2015</u> dawn il-krediti kienu jidħlu fil-kont bankarju f'Sparkasse Bank minn fejn kienet titħallas il-kera lis-sid.[40] Fil-konteġġi tagħha a fol. 689, il-konvenuta diġa` kkalkulat nofs il-bilanċ tal-istess kont ma'

[39] Fol. 60 u 171 et seq tal-proċess 250/2014; *Statements* ta' Sparkasse Bank għall-2013 u 2014 f'*envelope* mehmuż mal-ewwel volum ta' din il-kawża u Dok. JV 12 a fol. 283 ta' dawn il-proċeduri.
[40] Fol. 171 et seq. tal-proċess 250/2014.

Sparkasse Bank sa Marzu 2015[41] u għalhekk m'hemmx aġġustamenti ulterjuri xi jsiru f'dak ir-rigward. Jekk qed tilmenta dwar il-perjodu ta' wara, il-Qorti mhijiex ser toqgħod tassumi x'seta' ġara u għalfejn. Għalhekk il-pretensjonijiet tal-konvenuta numerati bħala aġġustamenti 5a u 5b qed jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

67. Dwar il-pretensjoni f'paragrafi numru 6 u 10 tad-dokumenti a fol. 691, għal nofs ir-rifużjoni ta' spejjeż tal-komun tal-appartament fil-Ġermanja għas-sena 2016[42] u nofs ir-rifużjoni ta' taxxa għall-2014, 2015 u 2016,[43] l-attur jargumenta mill-ġdid li d-data effettiva tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hija 29 ta' Awwissu 2014 u għalhekk il-konvenuta m'għandhiex dritt għalihom. Il-Qorti diġa` ddeċidiet dwar id-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-aggravju kif magħmul ma jistax jirnexxi.

68. L-aġġustamenti 1 u 3 ma jissemmewx fl-aggravju tal-attur u għalhekk dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti hu ġudikat.

69. Għalhekk il-Qorti tikkonferma dak deċiż mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-ammont dovut mill-konvenuta lill-attur. Min-naħa l-oħra tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-

[41] Fol. 293 u 691.
[42] Fol. 520.
[43] Vide fol. 425, 431 u 436.

akkwisti relattiva għal dak dovut lill-konvenuta billi tiddikjara li s-somma dovuta lill-konvenuta hi €112,917 in kwantu għal:

i. €80,308 skont kif spjegat f'Nok NTS LVC2 (a fol. 689) u liema somma tinkludi sehem il-konvenuta mir-*redundancy payment*.

ii. €32,609 l-ammont dovut lill-konvenuta b'referenza għad-dokument *'Komunjoni tal-Akkwisti – Sehem dovut lill-partijiet dettalji tal-aġġustamenti'* a fol. 691, bit-tnaqqis li ġie spjegat hawn fuq mis-somma ta' €60,527.32 li kienet qiegħda tippretendi l-konvenuta.

*It-tielet aggravju tal-attur.*

70. Aggravju li jitratta spejjeż tal-ewwel stadju tal-kawża li l-Qorti ordnat li għandhom jitħallsu mill-attur. Ġaladarba l-attur ingħata t-tort għas-separazzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-liġi.

Għaldaqstant, tilqa' l-appelli biss sa fejn konformi ma' dak li ngħad hawn fuq u tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Ottubru 2020 fis-sens li tiddikjara li l-konvenuta għandha tirċievi s-somma ta' mija, tnax-il elf, disa' mija u sbatax-il ewro (€112,917). Għall-kumplament tikkonferma l-parti dispożittiva tas-sentenza appellata.

Spejjeż tal-appell tal-attur jinqasmu in kwantu għal 90% a karigu tal-attur u 10% a karigu tal-konvenuta. Spejjeż tal-appell tal-konvenuta jinqasmu in kwantu għal 75% a karigu tal-attur u 25% a karigu tagħha.

Tordna lir-Reġistratur sabiex minnufih jinnotifika din is-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-finijiet ta' reġistrazzjoni skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm